MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2005

Numru 837/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**
**Spettur Denise Mula**
**V**

**DORIS MONTEBELLO**
**PETER BORG**
**FERHAT GUELLOUMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **DORIS MONTEBELLO** ta’ wiehed u hamsin sena mart Anthony, bint Victor Vella u Salvina nee Said, imwielda Mosta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 1951, u residenti 147, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta, detentirci tal-karta tal-identita numru 711951M, **PETER BORG** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Peter u Mary nee Farrugia, imwieled H'Attard nhar l-erbatax ta' Novembru 1979 u joqghod 26, Sqaq l-Gharghar, B'Kara, detentur tal-karta

tal-identita numru 557979M u **FERHAT GUELLOUMA** ta' hamsin sena ta' nazzjonalita Algerina, bin Boudzia u Gueibadg omm Elher, imwieled Laghouat nhar s-sittax ta' Novembru 1951 u residenti 54, Triq Mannarino, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` numru 23712M gew mressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fil-lejl ta' bejn t-tnejn w t-tlieta ta' Ottubru 2002, u fil-jiem ta' qabel din d-data, f'diversi postijiet f'Malta, bi hsieb li jghamlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jghamlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghamlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonguraw f'dak is-sens ma xi persuni ohra;

2. Talli wkoll fil-jiem ta' qabel t-tlieta ta' Ottubru 2002 f'diversi postijiet f'Malta, assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

3. Lil **Peter Borg wahdu** talli sar recidiv b'sentenza ta' din l-Qorti kif preseduta datata ghoxrin ta' Jannar 2000, u

4. lil **Doris Montebello wahedha** talli saret recidiva b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 1995 u ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata erbgha ta' Mejju 1995

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296 li serviet jew li kienet mahsuba li sservi biex isir dan d-delitt.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 esibit fl-atti a fol 142 et seq.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Awissu 2003 esibiti a fol 323 tal-atti.

Semghet lil imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 kif jirrizulta a fol 328 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat s-sentenza datata ghoxrin ta' Jannar 2000 moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-konfront ta' l-imputati Peter Borg, Stephen Borg, Peter Borg u Anthony Borg esibita a fol 137 tal-atti markata bhala dokument AZ, liema sentenza giet konfermata mill-Ispettur Dennis Thuema nhar t-tmintax ta' Gunju 2003 ghar-rigward x-xhud tal-identita fil-konfront tal-imputat Peter Borg.

Rat wkoll s-sentenza l-ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Jose Xerri, John Muscat, John Cassar u Maria Dolores sive Doris Montebello datata sitta w ghoxrin ta' Settembru 1997 markat bhala dokument SZ a fol 295 et seq tal-atti li hija s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Dennis Montebello allegatament fil-konfront tal-imputata Maria Dolores sive Doris Montebello datata erbgha ta' Mejju 1995 esibita a fol 301 et seq tal-atti markata bhala dokument SZ 1, ghalkemm xhieda tal-identita fil-konfront tal-imputata Maria Dolores sive Doris Montebello ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-imputata Doris Montebello ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tletin ta' Gunju 2005 minn Dottor Anglu Farrugia [fol 352].

Semghet t-trattazzjoni maghmula mill-Avukat Difensur tal-imputat Pieter Borg u tal-imputat Ferhat Guellouma.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-hmistax ta' Ottubru 2002 xehed Aidi Ahmed** [fol 34 et seq tal-atti] fejn ikkonferma li hu kien wasal Malta bil-lejl l-Hadd fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 minn Tunez bl-ajruplan u fittex habib tieghu li suppost kellu jkun jistennih l-ajruport. Qal li shabu kienu gew mieghu fuq l-istess titjira pero kienu gia hargu mill-ajruport qablu u peress li ma sabhomx qabad taxi u mar l-lukanda Helena fil-Gzira u ghamel lejl hemmhekk.

Sussegwentement mar jfittixhom l-Gzira biex jara jiltaqghax maghhom. Ix-xhud qal li shabu kienu ta' nazzjonalita Tunezina. Qalulu biex jakkumpanjhom t-Taormina Hotel fil-Gzira u mar maghhom. Spjega li shabu kienu gew Malta biex jghamlu xi arrangamenti ma persuna bl-isem ta' Ferhat. Ix-xhud gharaf lil imputat Ferhat Guellouma presenti fl-awla bhala l-istess persuna li shabu kienu ghamlu l-arrangament mieghu li kien ser jakkumpanjhom lejn l-Italja. Qal li Ferhat Guellouma kien talabhom l-flus biex jibghathom l-Italja. Qal li hu kien qalilhom li l-affari kienet kwazi certa. Ix-xhud qal li hu kien ghadda lil Ferhat Guellouma is-somma ta' erbgha mitt dollaru u dan ghaliex kien ser jirrangalu biex imur l-Italja b'xi dghajsa bil-bahar b'mod klandestin. Qal li shabu kienu jinstabu fil-habs dakinhar u li shabu ma kienux tawh flus lil Ferhat quddiemu.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputat Peter Borg, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li Peter Borg kien xufier li effettivament kien wassalhom fil-lejl meta kienu ser jitilqu lejn l-Italja. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Doris Montebello, ix-xhud wiegeb li ma kien jaf xejn dwarha. Qal li kienu xi tmienja w ghoxrin ruh fil-vann, fosthom Torok, nisa u tfal. Qal li kien jaf li Peter Borg kien qed isuq bil-lejl f'inhawi li hu ma kienx jaf fejn kienu. Mistoqsi fejn kien akkumpanjhom Peter Borg, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf fejn hu l-post ghalkemm kien jaf li kien vicin il-bahar. Qal li l-gurnata 'n kwistjoni kien jum l-Erbgha bil-lejl. Qal li hu kien wasal Malta l-Hadd ta' qabel. Qal li meta waslu fuq il-post x-xufier harab u huma baqghu bilqeghda fil-vann. Qal li l-Pulizija marru fuqhom b'erbgha karozzi w akkumpanjawhom post iehor. Qal li l-flus hu ghaddihom lil Ferhat jum t-Tlieta fil-lukanda Taormina, lejliet li kien

ghabbihom Peter Borg, minn hemmhekk stess. Qal li hu kien dahal fil-vann ta' Peter Borg ghaliex Ferhat kien qallu biex jaghmel hekk. Qal li l-vann kien ta' kulur abjad, kien kbir, maghluq u minghajr twieqi. Meta gie muri zewg ritratti li jinsabu esibiti a fol 12 tal-atti, ix-xhud qal li ghalkemm hu ma kienx ra l-vann minn quddiem izda rah biss minn wara u mir-ritratti li kien qed jigi muri jidher li dan jixxibbah ma dak li kien rikeb fih hu mill-bieba tal-gemb, li hija sliding u qaghad bil-qeghda wara x-xufier. Qal li minn fejn telqu sa fejn waslu u sabuhom l-Pulizija damu sejrin xi nofs siegha. Qal li kien d-dlam u max-xufier kien hemm habib iehor tieghu u fit-triq ircieva telefonata, ix-xufier waqaf, l-habib tieghu nizel u telaq minn fuq il-post. Qal li dan il-habib tax-xufier fil-fatt nizel mill-vann xi ghoxrin minuta wara li telqu mill-lukanda.

Mistoqsi jekk kellux aktar shabu fil-vann maghhom ix-xhud qal li kienu hames Tunezini, tlett Marokkini u ohrajn Torok bit-tfal u nisa. Qal li hu kien gie Malta ma tlett ihbieb tieghu filwaqt li l-ohrajn sar jafhom Malta fil-lukanda. Ikkonferma li t-tlett ihbieb tieghu li kienu gew mieghu kienu fl-istess vann. Qal li l-Marokkini u t-Torok sar jafhom fil-vann waqt li kienu fil-gemb warajh u gharafhom li kienu Torok mid-djalett. Qal li l-Marokkini kienu mal-ohrajn hdejn xulxin. Qal li hdejn il-bieb ta' wara kien hemm xi hadd minn Tunez u rah.

Ix-xhud qal li hu ma kienx iddikjara kemm dahhal flus mieghu Malta. Ix-xhud qal li hu ma kienx jaf li Ferhat Guellouma qabel m'iltaqa mieghu lejliet li rikeb l-vann fejn il-lukanda. Qal li shabu kienu jafuh u fil-fatt kienu huma li laqqghuh mieghu ghal habta tal-erbgha jew il-hamsa ta' wara nofsinhar. Qal li dan kien wara l-counter tar-reception. Qal li shabu qalulu biex jaghti l-flus u l-passaport lil Ferhat Guellouma biex jirrangalu. Qal li kemm l-imputat Ferhat Guellouma kif wkoll martu jahdmu fil-lukanda. Qal li hu ma marx l-lukanda Taormina biex jikri kamra u li ma kien jaf xejn dwarha. Qal li hu hallas tmintax il-lira ta' lejl fil-Helena Hotel. Qal li dwar t-Taormina Hotel ma kien jaf xejn.

Kompla jghid li ghadda l-lejl bejn il-Hadd w it-Tnejn ifittex l-hbieb tieghu u li raqad fil-Helena Hotel mit-Tnejn sat-Tlieta u bejn t-Tlieta w l-Erbgha, raqad t-Taormina Hotel ma shabu. Ikkonferma li siehbu ta lil Ferhat Guellouma sitt mitt dollaru u siehu iehor tah tlett mitt dollaru u ghalhekk bejniethom tawh elf u tlett mitt dollaru u li kellu jzommhom sakemm jitilghu l-Italja bihom. Qal li shabu kienu qalulu li taw l-flus lil Ferhat Guellouma. Ferhat Guellouma lilu ma tahx ricevuta. Ix-xhud ta deskrizzjoni tat-Taormina Hotel fis-sens li qal li r-reception ta' din il-lukanda tinsab f'kuridur dejjaq. Zied jghid li meta hu ta l-flus lil Ferhat Guellouma, siehbu li kien hdejn r-reception, ma kienx presenti. Qal li mart l-imputat Ferhat Guellouma kienet ma gembu, diehla u hierga u li sahansitra anke kafe ghamlitillhom. Mistoqsi x'nazzjonalita kellu siehbu li kien hdejn Ferhat Guellouma, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero jaf li kien ragel. Qabel ma telaq r-ragel li kien hemm hdejn Ferhat Guellouma, dam xi siegha. Ix-xhud zied jghid li hu kien ma Ali Ben Bechir u Mohammed El Aidi u li sa fejn kien jaf hu, shabu kienu ghaddewlu l-flus qablu. Qal li huma tkellmu max-xufier fil-vann fis-sens li talabhom sigarett u huma tawh wiehed. Qal li fl-ebda hin m'ghaddew xi flus lix-xufier.

Illi **nhar nhar l-hmistax ta' Ottubru 2002 xehed Aidi Mohammed** [fol 39 et seq tal-atti] fejn qal li hu wasal Malta minn Tunez bl-ajruplan ma Ahmed Aidi u meta dahlu l-Pulizija staqsewhom kemm kellhom flus u hu kien rrisponda li kellu sebgha mitt dollaru, liema flus kienu ttimbrati fuq il-passaport. Qal li huma marru dritt t-Taormina Hotel dakinhar stess, pero kienu ghamlu lejl l-Helena Hotel. Qal li ghaddew il-lejl l-Helena Hotel bejn il-Hadd w it-Tnejn u l-lejl ta' wara ghaddewh t-Taormina Hotel. Mistoqsi jekk kienx jaf lit-tlett imputati, ix-xhud wiegeb li jaf wiehed biss minnhom, lil Ferhat Guellouma biss u dan peress li rah t-Taormina Hotel. Qal li fil-fatt kien l-imputat Ferhat Guellouma stess li kien hajjarhom biex imorru l-Italja u hu kien tah sitt mitt dollaru peress li kien weghdu li kien ser jibghatu l-Italja bid-dghajsa. Ix-xhud zied jghid li l-flus hu ghaddihom lil Ferhat Guellouma jum t-Tlieta ghal habta ta' nofsinhar jew ftit wara waqt li kien jokkupa l-kamra numru 15 u tahomlu meta kienu

wahedhom fil-kamra tieghu u li dan Ferhat kien qallu li kien lest li jibghat kemm lilu kif wkoll lil siehbu l-Italja fi zmien qasir.

Qal li sussegwentement shabu wkoll ghaddewlu xi flus pero mhux fil-presenza tieghu, salv ghal meta Adel ghaddielu sitt mitt dollaru. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat Ferhat Guellouma kien qalilhom li ser joqghodu fit-Taormina Hotel u li kien ser jinfurmhom hu bil-hin li kienu ser jitilqu u jum t-Tlieta kien mar certu Joseph bil-lejl u ghabbihom go karozza bajda maghluqa, bla twieqi.

Qal li kienu tlieta minn nies f'din il-karozza u iehor certu Joseph u haduhom kollha f'dar fejn iltaqghu ma xi nies ohra, certu Adel u Marwan ta' nazzjonalita Tunezina. Qal li Joseph kien qalilhom li kien dalwaqt ser imur biex jghabbihom u fil-fatt ma kienx mar u ghamlu lejl go dan l-post u l-ghada kien mar bil-lejl b'karozza bajda u ghabbihom fiha. Kien hemm xi tlieta w ghoxrin ruh ohra fiha, kien hemm hames Tunezini, Marokkini u l-kumplament Torok, familji bit-tfal u nies u dan Joseph baqa jsuq sakemm waslu l-Pulizija. Ix-xhud zied jghid li ma dan Joseph kien hemm habib iehor tieghu li f'xi hin kien ircieva telefonata u Joseph waqqaflu u telaq u Joseph induna li kien hemm il-Pulizija warajhom u harab minn fuq il-post u spiccaw f'idejn il-Pulizija. Ix-xhud qal li dan Joseph kien liebes l-imsielet u kien fartas u kellu xi tletin sena. Qal li l-vann l-kbir li dahlu fih kellu twieqi biss fuq wara u quddiem, fil-gnub ma kellux. Qal lli hu dahal mill-bieba tal-gemb tal-passiggier li kienet wahda sliding. <u>Meta x-xhud gie muri z-zewg ritratti a fol 12, hu kkonferma li l-vann muri fihomkien l-istess wiehed li kien dahal fih hu</u>. Mistoqsi jekk jgharafx lil xi hadd iehor presenti fl-awla, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u li kien <u>jaghraf biss lil imputat Ferhat Guellouma</u>. Qal li meta qaghdu fid-dar li semma aktar qabel, Aidi Ahmed raqad maghhom fil-lejl ta' bejn l-jiem tat-Tlieta u l-Erbgha.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2002 xehed Aidi Adel ben Bechir** [fol 44 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien wasal Malta mit-Tunezija bl-ajru fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2002 flimkien ma tnejn minn nies ohra u cioe

certu Mohammed u iehor Ahmed, qabdu taxi u marru t-Taormina Hotel fejn qattghu zewgt iljieli. Qal li meta telqu mill-ajruport, l-ewwel marru l-Helena Hotel u minn hemmhekk marru t-Taormina Hotel. Qal li l-Helena Hotel ma hallsu ebda flus. Mistoqsi jghid jekk jafx lil imputati odjerni, ix-xhud wiegeb li jaf lil imputat Ferhat Guellouma u lil imputat Peter Borg. Qal li l-imputat fil-fatt kien ma persuna ohra li huwa huh pero l-persuna l-ohra harbet u li fost in-nies li kienu kulhadd beda jindirizzah bl-isem ta' Joseph. Ix-xhud gharaf lil imputat Peter Borg bhala dak li beda jigi ndirizzat bhala Joseph, minn xaghru peress li hu fartas u kellu misluta ma hugbejh u misluta ohra mdendla ma widnejh u kellu xi sinna jew tnejn nieqsa. Qal li meta rikbu fil-karozza kien l-imputat Peter Borg li kien qed isuq u l-persuna l-ohra li kien ircieva xi telefonata fuq il-mobile li kellu, harab minn fuq il-post. Qal li kien l-imputat Ferhat Guellouma li kien hajjarhom biex imorru l-Italja u kien qalilhom li kien lest li jghinhom basta jaghtuh l-flus.

Qal li effettivament hu kien ta lil imputat Ferhat Guellouma fil-presenza ta' Mohamed u Ahmed, sitt mitt dollaru jum t-Tnejn u cioe l-ghada li waslu. Qal li hu kien tahomlu waqt li kien bilqeghda fuq desk li hemm fir-reception tat-Taormina Hotel. Qal li ricevuta m'inghatax. Mistoqsi jekk Ahmed u Marwani tawhx xi flus, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv, Ahmed tah mitt dollaru, u Mohammed tah tlett mitt dollaru u dan sabiex itellaqhom minn Malta ghal Italja. Qal li l-imputat Ferhat Guellouma kien qalilhom li kien ser jitilqu minn Malta bid-dghajsa. Qal li dakinhar li ghaddew il-flus lil Ferhat Guellouma, hu kien mal-mara tieghu u din kienet ghamlithom kafe. Qal li Ferhat Guellouma kien qalilhom li kellhom jistennew lejl u li dakinhar huma kienu raqdu t-Taormina Hotel. Qal li l-ghada jum t-Tlieta ghamlu gurnata l-lukanda flimkien ma shabu. Qal li l-imputat Ferhat Guellouma kien wkoll fl-istess lukanda pero dakinhar ma tkellmux fuq l-vjagg. Ix-xhud qal li fil-presenza taghhom Ferhat Guellouma cempel lil dak li kienu jsejjhulu Joseph, u dan tal-ahhar gie bil-karozza flimkien ma ragel iehor li jahseb li kien jismu Jose. Qal li f'dak l-istadju ma kien hemm hadd fil-vann. Qal li dan il-vann kellu l-gnub kollha maghluqa, bla twieqi u xi twieqi fuq wara. Qal li kienu hamsa minn nies Tunezini, tlieta

Marokkiniu xi Torok bil-familja. Mistoqsi minn fejn kienu gew l-Marokkini u t-Torok, ix-xhud qal li dawn hargu mill-lukanda Helena u rikbu fil-vann. Qal li kulhadd dahal fil-vann mill-bieb sliding li dan l-vann kellu fil-gemb. Qal li wara x-xufier rikbu huma u lil Marokkini rikkibhom minn hdejn t-Taormina Hotel filwaqt lil nies ohra rikkibhom minn lukanda ohra w id-driver baqa sejjer sakemm spiccaw hdejn il-bahar. Ix-xhud qal li fl-ebda hin ma waqfu jew biddlu l-vann. Qal li meta waqfu, l-Pulizija kienu warajhom. Qal li l-persuna li kienet ma Joseph fil-karozza, wara li rceviet t-telefonata, nizlet mill-vann u telqet. Qal li meta waslu hdejn il-bahar, d-driver ghalaq il-bieba u harab. Qal li mill-lukanda gew tlett Marokkini.

Mistoqsi fejn kienet din l-lukanda ix-xhud m'gharafx iwiegeb. Muri zewg ritratti esibiti a fol 12, ix-xhud qal li dawk huma ritratt tal-karozza li dahlu fiha huma. Qal li meta hu u Ahmed Ben El Aidi u Mohammed Ben Amor waslu Malta, qaghdu l-hin kollu flimkien u hadd minnhom ma raqad f'post iehor. Ikkonferma li l-flus li taw lil Ferhat Guellouma, tawhomlu flimkien filghaxija ta' jum t-Tnejn. Ikkonferma wkoll li fil-lukanda Taormina, bejn il-lejl tal-Hadd ghat-nejn u mit-Tnejn ghat-Tlieta, kien hemm nies ohra ta' nazzjonalita Gharbija.

Mistoqsi jekk jafx lil Medri Sofien Ben Omar ix-xhud wiegeb li kien jaf lil xi hadd li jghidulu Sofreani li ghalkemm ma tantx kien jafu kien iltaqa mieghu t-Taormina Hotel. Mistoqsi jekk jafx lil xi hadd bl-isem ta' Semi Fouad Verjuni ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li f'dan il-post kien hemm hafna Gharab pero ma kienx jaf isimhom. Qal li mieghu gab sitt mitt dollaru mit-Tunezija. Qal li kull lejl kienu jhallsu erbghin lira lit-Taormina Hotel u li hu kien hallas ghal zewgt iljieli tmenin lira. Qal li shabu Mohammed Ben Amor u Ahmed El Arbi Elaidi hallsu bhalu. Mistoqsi jekk talbux ricevuta lil Ferhat ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghaliex qal li ma kienux jafu. Qal li Ferhat Guellouma anke l-passaport hadilhom u li lanqas ricevuta tal-passaport ma talbuh peress li kienet l-ewwel darba li kienu gew Malta u lil Ferhat Guellouma ma kienux jafuh qabel. <u>Qal li kien Ferhat Guellouma li hajjarhom imorru l-Italja u meta hadilhom il-passaport, Ferhat</u>

Guellouma ha xi notamenti u qalilhom li kollox kien ser jirranga hu. Huwa cahad dak li allegat id-difiza li kien xi hadd li gieghlu jghid dik l-istorja u li dak li kien qed jghid kien qed jghidu minn jeddu u li kien l-verita kollha. Mistoqsi jekk kienx minnu li ma gemb Ferhat Guellouma kien hemm tnejn minn nies ohra presenti l-hin kollu dakinhar ta' jum t-Tnejn filghaxija, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Ix-xhud cahad dak li kien qed jigu suggerit lilu li hu ma kienx ghadda flus lil Ferhat Guellouma.

Ix-xhud zied jghid li Ferhat kien li cempel lil xi hadd li jghidulu Joseph biex imur jigborhom peress li kien hu stess li qalilhom dak d-diskors u kien quddiemhom li kien cempillu. Zied jghid li dan kien ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar u lil dan Joseph [li hu gharaf bhala l-imputat Peter Borg], kien kellmu bil-Malti u Ferhat Guellouma kien ghamlilhom traduzzjoni tad-diskuzzjoni peress li hu ma jafx l-Malti. Mistoqsi jekk hu tkellimx ma Ahmed El Arbi Eliadi u Mohammed Ben Amor minn gurnata qabel sa dakinhar li kien qed jixhed, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2002 xehed Adel Ben Mohtar Attisa** [fol 50 et seq tal-atti] fejn qal li hu kien wasal Malta fid-dsatax ta' Settembru minn Tunez bl-ajru wahdu. Qal li mar t-Taormina Hotel fil-Gzira dritt mill-ajruport peress li kellu lil shabu gia hemmhekk jistennewh u beda johrog kuljum u jdur fil-vicinanci. Mistoqsi jekk jafx lil xi hadd mill-imputati, ix-xhud indika lil imputat Ferhat u lil imputat Peter Borg li ghalih kien jismu Joseph. Qal li lil imputat Ferhat jafu bhala l-persuna fil-lukanda u lil dak li jafu bhala Joseph li kien akkumpanjhom f'xi dar. Qal li kull lejl kienu joqghodu hdejn t-television u l-imputat Ferhat Guellouma kien imur ihajjarhom biex imorru l-Italja u jghidilhom li hemmhekk gid hemm u li jaqblilhom imorru hemmhekk.

Qal li hu kien irrifjuta li jmur u minkejja li kull lejl kien imur ihajjarhom bl-istess haga u sahansitra anke kien talabhom elf u sitt mitt dollaru. Qal li fil-fatt hu u l-habib tieghu Marwan lanqas biss kellhom elf u sitt mitt Euro ghaliex kellhom biss elf u mitejn Euro. Spiccaw li cedew u thajjru

li jmorru u ghalhekk jum s-sitta w ghoxrin jew is-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2000 ghaddew l-elf u mitejn Euro li kellhom lil Ferhat Guellouma waqt li kienu fil-lukanda Taormina.

Ix-xhud qal li Ferhat Guellouma kien qalilhom li ma kienx hemm problemi u li ma kellhom jibzghu minn xejn u li kien ser isifierhom hu. Qal li Ferhat Guellouma kien qalilhom li dik ma kienetx l-ewwel darba tieghu u li fil-fatt effettivament kien baghat diversi nies l-Italja b'dak l-mod. Zied jghid li l-ghada li ghaddew l-flus lil Ferhat Guellouma, kien mar dak li hu jafu bhala Joseph fil-kumpanija ta' persuna ohra w akkumpanjawhom go dar. Mistoqsi fejn kienet din d-dar ix-xhud m'gharafx iwiegeb peress li Malta ma kienx jafha sew. Qal li l-karozza li mar ghalihom dan Joseph kienet bajda. Qal li mill-lukanda Taormina, tghabbew biss tlett minn nies u cioe hu, habib tieghu u persuna ohra u matul il-vjagg dan waqaf u gabilhom xi ikel. Qal li damu f'dan il-post xi hamest ijiem u li fl-istess lejl li waslu f'dik id-dar, marru xi Torok u xi familja pero dawn ghamlu biss saghtejn f'dan id-dar ghaliex wara ftit kienu haduhom u huma t-tlieta baqghu d-dar. Qal li kemm damu f'din d-dar l-uniku kuntatt li kellhom kien ma dak li jafu bhala Joseph li fil-fatt huwa l-imputat Peter Borg. Waqt li kienu f'din d-dar l-imputat Peter Borg kien jigi ma habib tieghu kultant zmien u jghidilhom li kollox kien sejjer tajjeb u li fi zmien qasir kienu ser jsiefru. Qal li xi kultant kien igibulhom xi hobz u f'okkazzjoni wahda gabulhom ikel tradizzjonali maghruf bhal harisa. Waqt li kienu f'din d-dar Joseph ma tahom ebda struzzjoni.

Ix-xhud kompla jghid li jum t-Tlieta tal-gimgha ta' qabel ma kien qed jixhed, kien mar ghalihom ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl Joseph, mhux mal-istess persuna li kienet hadithom hemmhekk originarjament u ghabbihom fl-istess karozza flimkien ma xi Marokkini. Minn dik d-dar hu ghabba lilhom, tlett minn nies ohra minn sqaq u l-Marokkini minn post iehor u hadhom f'xi lukanda minn fejn tghabbew xi Torok u qabel ma tghabbew t-Torok, Joseph qal lil siehbu biex jinzel mill-karozza u baqa isuq fit-toroq sakemm fl-ahhar spiccaw f'idejn il-Pulizija. Ix-xhud qal li ghal ewwel kien haseb meta Ferhat kien hajjarhom imorru

l-Italja, li kien ser jibghathom bl-ajruplan u kien wara li sar jaf li kien sejjer b'dghajsa u sar jaf b'dan minn Joseph u siehbu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lil imputata Doris Montebello, ix-xhud wiegeb li ma kienx jafha. Qal li mieghu minn Tunez, gab elf u erbgha mitt Euro u din s-somma tinsab ittimbrata fuq l-passaport tieghu. Qal li bejn d-dsatax w t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru hu kien joqghod fil-lukanda Taormina ghalkemm ma kienx registrat hemmhekk. Ikkonferma li Ferhat Guellouma huwa receptionist f'dik l-lukanda. Qal li f'dik l-gimgha li kien hemmhekk, kien hemm diversi Tunezini ohra. Mistoqsi jekk waqt li kien l-lukanda Taormina ltaqax ma xi persuna bl-isem Sofien ix-xhud wiegeb fin-negattiv u qal li ma ltaqa ma ebda persuna b'dak l-isem. Qal li meta kienu f'dik d-dar ma kienux johorgu ghaliex kellhom struzzjonijiet biex jibqghu gewwa. Mistoqsi ghaliex qabel qal li ma kellhomx struzzjonijiet u issa qed jghid li kellhom biex ma johorgux, ix-xhud wiegeb u spjega li l-istruzzjonijiet li kellhom kienu biex ma johorgux mid-dar biex ma joholqux problemi. Qal li apparti hu u siehbu kien hemm tlett minn ohra minn Sfax li kien jisimhom Mohammed Ela, Aidi u Ahmed Huweidi. Qal li dakinhar li qabduhom il-Pulizija hu u siehbu kienu ltaqghu ma dawk t-tlett minn nies minn Sfax.

Qal li fejn id-dar li haduhom ma kienx hemm djar ohra apparti xi villa li kien jara mill-boghod min tieqa. Qal li huma ma kienux hemmhekk fl-istess hin u li dawn minn Sfax kienu hemm gurnata qabel ma ltaqghu maghhom huma. Qal li bhala komunikazzjoni kellhom l-mobile taghhom u f'dawk il-hamest ijiem huma cemplu lil Ferhat Guellouma u lil dak maghruf bhala Joseph biex jghidulu li ma kellhomx ilma. Qal li flus, ghaddew lil Ferhat Guellouma biss u li ricevuta ma talbuhx. Meta ttiehdu f'dik id-dar ma qalulhomx meta kienu ser jitilqu, qalulhom biss biex jistennew hemmhekk. Qal li lil Ferhat Guellouma ma kienx jafu qabel ma gie Malta u fdawh peress li kull lejl li damu fil-lukanda kien jghidilhom li hu kien ghamel dik l-bicca xoghol diversi drabi u li ma kienx hemm problemi. Qal li kien ghalhekk li tawh l-flus. Ix-xhud zied jghid li f'pajjizu hekk jaghmel, jafda lin-nies u jaghti flus minghajr

ma jitlob ricevuta. Meta Ferhat Guellouma kien hajjarhom biex imorru l-Italja, hu kien ikun ma siehbu Marwan u li nies ohra ma kienx ikun hemm maghhom. Ix-xhud qal li hu qatt ma staqsa lil Ferhat Guellouma jekk kellux xi agenzija.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2002 xehed Marwan Ben Mohtar** [fol 73 et seq tal-atti] fejn qal li hu kien wasal Malta fit-tnax ta' Settembru flimkien ma kugin tieghu u mar fil-lukanda Taormina fil-Gzira. Mistoqsi kemm dam hemmhekk ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ezatt pero bejn wiehed w iehor kien dam xi gimghatejn. Qal li mieghu gab sitt mija u sittin Euro. Qal li huma kienu gew Malta ghal zmien itwal u fil-fatt kellhom il-visa biex joqghodu hawnhekk pero l-kugin tieghu sar jaf li missieru kien miet u ghalhekk telaq qabel ghal funeral tieghu. Qal li fil-lukanda Taormina iltaqa ma habib tieghu certu Adel li kien anke mieghu fl-ajruport stess.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jaghrafx lil imputati odjerni ix-xhud qal li kien jaf lil imputat Ferhat Guellouma u lil imputat Peter Borg. Qal li lil Ferhat Guellouma jafu billi kien jahdem fil-lukanda Taormina u lil Peter Borg jafu peress li kien intorducieh mieghu l-imputat Ferhat Guellouma. Waqt li kien fil-lukanda Taormina, l-imputat Ferhat Guellouma kien ihajjru biex imur l-Italja u kien ghamel xi tlett ijiem jghidlu biex imur hemmhekk. Qal li ghal ewwel kien jghidlu li ma riedtx imur izda sussegwentement biddel fehmtu. Ix-xhud kompla jghid li hu u siehbu kien taw lil Ferhat Guellouma elf u mitejn Euro flimkien biex jiehu hsieb jibghathom l-Italja. Qal li wara li kienu ftehmu kien mar certu Joseph [li hu identifika bhala l-imputat Peter Borg] bil-karozza u hadhom f'dar u waqt li kienu hemm, kienu marru xi nies ohra Torok u fil-lejl qabel ma telqu mid-dar kienu marru wkoll xi Tunezini. Waqt li kienu f'din d-dar, Joseph u l-habib tieghu kienu johdulhom xi ikel. Qal li l-karozza li kellu dan Joseph kienet bajda u kbira, speci ta' vann b'seat quddiem u wara vojt. Qal li kellha biss twieqi quddiem u twieqi wara u li huma dahlu fiha mill-gemb, mill-bieba li kienet wahda *sliding*. Qal li fil-vann kienu hamsa minn Tunez, nies mill-Marokk u xi nies Torok u meta kienu ghaddejjin fit-triq u kienu waslu hdejn il-

bahar, waqqfuhom il-Pulizija. Ix-xhud qal li Ferhat Guellouma kien qalilhom li kienu sejrin l-Italja b'vapur kbir. Qal li hu kien iltaqa ma Adel fl-ajruport meta kien gie minn barra ma kuginuh u kienu sabuh hemm jistennihom. Qal li bejnu u bejn il-habib tieghu kienu jhallsu hamsin lira fil-lukanda Taormina u damu hemm xi gimghatejn. Qal li l-breakfast kien imhallas mill-lukanda u li huma kienu jieklu barra. Ghal ikel kienu jonfqu daqqa lira, daqqa tnejn kuljum bejniethom. Qal li xoghol u negozju hawn Malta ma kellux. Qal li kellu mobile pero ma kienx ibiegh mobiles. Qal li gie minn Tunez b'zewg mobiles wiehed jahdem u iehor le.

Waqt li kien Malta kien sab lil xi hadd Libjan imhajjar ghal xi mobile u hu bieghlu wiehed. Mistoqsi jekk dan l-Libjan jismux Fouad Semi ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Cahad dak suggerit mid-difiza li waqt li kien fil-lukanda Taormina, hu kellu xi jghid ma Fouad Semi fuq xi mobile. Cahad wkoll dak allegat mid-difiza li Ferhat Guellouma kien heddu li kien ser jirrappurtah lil Pulizija fuq mobiles misruqa. Qal li huma kienu taw l-flus lil Ferhat bil-lejl, tard filghaxija. Mistoqsi liema gurnata kienet ix-xhud m'gharafx jiftakar. Mistoqsi jekk kienx hemm bini madwar din d-dar fejn hadhom l-imputat, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu kien hemm mastrudaxxa u xi sprayer tal-karozzi vicin. Qal li f'din id-dar ghaddew xi hamest ijiem jew sitta pero qatt ma hargu minnha. Qal li kellhom struzzjonijiet minghand Joseph u siehbu biex ma johorgux mid-dar. Qal li hu jinsab fl-istess divizjoni tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ta' Adel Attia, jistennew biex jigu deportati wara li jiskonta piena ta' prigunerija u li tkellem mieghu fuq il-kaz fis-sens ta' zbalji biex ma jirrepetux ruhhom. Mistoqsi jekk jidhirlux li kien zball li ta flus lil bniedem li ma jafux bla ricevuta, ix-xhud wiegeb li fil-hajja biz-zmien titghallem.

Illi **nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 xehed Lahcen El Ghaoui** [fol 97 et seq tal-atti] fejn qal li fit-tlettax ta' Settembru 2002 hu gie Malta mill-Libja bl-ajru wahdu bi skop ta' btala. Qal li isem il-lukanda llum insieh. Qal li l-ghada li kien wasal Malta, kien mar il-Bank of Valletta tal-Belt, biex jaghmel verifiki dwar kont li kellu hawn Malta ta' flejjes depositati mal-bank. Qal li waqt li kien fi triqtu l-

Belt, iltaqa ma persuna li ntroduciet ruhha mieghu li kienet ta' nazzjonalita Libjana u staqsih jekk kellux bzonn xi haga peress li deher li kien ta' nazzjonalita Gharbija u hu qallu li kien Marokkin u li kien gie Malta jfittex post irhis biex jikrih.

Ix-xhud qal li qal lil din il-persuna fejn kien joqghod u dan qallu biex jakkumpanjah peress li kien jaf b'post li kien jinkera lil Libjani u li anke hu gieli qaghad f'dan il-post. Mistoqsi mill-Qorti fejn kien dan il-post ix-xhud m'gharafx iwiegeb ghaliex ma kienx jaf il-postjiet hawn Malta. Qal li ovvjament hu kien mar f'dan l-post li jinsab fl-imwarrab u ma tantx kien hemm nies madwaru. Qal li dan l-post kien fih zewg sulari, *ground floor* u *first floor*. Qal li f'dan il-post kien akkumpanjat minn certu Halid u fih sab lil zewg Marokkini ohra. Qal li f'dan il-post hu kien dahal fil-hmistax jew sittax ta' Settembru u baqa hemmhekk sakemm spicca f'idejn il-Pulizija. Ix-xhud kompla jghid li sakemm dam f'dan il-post hu beda jitkellem ma dawn l-Marokkini li qalulu li jekk xtaq imur l-Italja, setgha jmur maghhom. Ix-xhud qal li hu ma wriex ix-xewqa li jmur l-Italja u li fil-fatt hu qatt ma ta xi flus li dawn l-Marokkini.

Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt hu kienx sejjer l-Italja b'xejn, ix-xhud qal li le, pero kien hemm xi nies ohra nvoluti f'dan ix-xoghol, pero hu qatt ma ltaqa ma dawn in-nies l-ohra. Qal li hu kien ta somma ta' sitt mija u hamsin dollaru lil zewg minn nies li gew fl-ghaxra w nofs ta' bil-lejl waqt li kien rieqed. Mistoqsi jekk jafx lil min kien ta l-flus ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf peress li ma kienx f'posizzjoni li jgharafhom pero lil dawn iz-zewg minn nies li kienu ser jakkumpanjawhom kienu qalulhom biex jhaffu. Mistoqsi jekk fil-fatt inghatax ricevuta tal-flus li tahom fil-lejl ta' qabel m'inqabad mill-Pulizija, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li wara li kien ta l-flus li dawn t-tnejn minn nies, dawn l-istess nies gew lura w ghabbewhom go vann abjad kbir minghajr twieqi fil-gnub u bieba fil-gemb *sliding*. Ix-xhud gharaf lil imputata Doris Montebello bhala l-persuna li kienet kritilhom l-post u li lilha kien taha s-somma ta' mitt dollaru ghal xahar. Mistoqsi jekk jafx lil imputat Peter Borg, ix-xhud wiegeb li ma kienx cert peress li ma kienx rah sew. Dwar l-imputat Ferhat ix-xhud qal li ma kien jaf xejn. Qal li fil-lejl li marru bil-karozza w inqabdu mill-

Pulizija, mieghu kien hemm nies ohra. Kien hemm zewg Marokkini li kienu jghixu fl-istess fond mieghu u xi hames Tunezini ohra. Qal li meta telqu ix-xufier saq ftit 'l quddiem u rikkeb xi Torok, nisa u tfal, familji. Meta gie muri r-ritratti a fol 12, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jikkummenta ghaliex kull ma ghamel fil-karozza in kwistjoni, kien nofs siegha. Mistoqsi jekk jafx x'jisimha l-imputata, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u li kien jirreferi ghaliha bhala 'madam'. Qal li kuntatt maghha ma kellux.

Illi **nhar nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 xehed Said Mayou** [fol 101 tal-atti] fejn qal li hu gie Malta fit-tnax ta' Settembru 2002 minn Casablanca transit Malta sejjer lejn l-Libja u dakinhar kien Malta transit u kien hareg biex jara u jdur ftit Malta u meta mar lura l-ajruport biex jaqbad l-ajruplan biex imur lura l-Libja nduna li l-ajruplan kien lahaq telaq u ghalhekk kera vettura ghal Belt u qaghad jfittex biex jara x'ser jaghmel. Qal li hemmhekk iltaqa ma Libjan u qallu x'kien ser jaghmel u hu staqsih jekk riedtx li jikru post u x-xhud rrispondih fl-affermattiv. Ix-xhud kompla jghid li dan l-Libjan kien qallu li kien jaf mara li tikri l-flats u qallu biex ilaqqghu maghha. Qal li dan l-Libjan ma kienx jaf ismu. Mistoqsi jekk kienx jaf minn kienet din il-mara ix-xhud qal li hija l-imputata Doris Montebello li gharaf presenti fl-awla. Qal li hu mar ghand l-imputata peress li laqqghu maghha l-Libjan. Mistoqsi fejn kien dan il-post ix-xhud ma tfakarx peress li kien id-dlam meta gie mehud hemmhekk. Qal li hu mar dakinhar stess hemmhekk meta gie Malta u ghamel hemm xi tlett gimghat cirka u mieghu kien hemm tnejn minn nies ohra mill-Marokk. Qal li hu ma setghax johrog mid-dar fejn kien peress li l-passaport tieghu kien ghaddieh lil imputata peress li kienet weghditu li kienet ser tghamilu l-visa biex imur Franza. Kompla jghid li hu kien qalilha li ma xtaqx li jmur Franza u hi kienet qaltlu li ma kienx hemm problemi u li kienet ser tirrangalu fuq il-visa. Mistoqsi jekk kienetx l-imputata jew xi persuna ohra ta' nazzjonalita libjana li weghditu dan, ix-xhud qal li kienet l-imputata li weghditu dan. Qal li sakemm dan f'dan il-post l-imputata kienet iggibilhom l-ikel bhal hobz. Qal li qatt ma ddiskuta man-nies l-ohra li kien hemm fil-post fuq dan l-fatt. Qal li jum minnhom kienet marret l-imputata ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija u qaltilhom li

kien wasal l-hin biex tehodhom l-ajruport u qaltilhom li kien ser imur ragel biex jehodhom hemmhekk. Qal li dan r-ragel kien fartas u kellu xi haga fuq hugbejh u mieghu kien hemm persuna ohra. Zied jghid li ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl wasal l-imputat Peter Borg flimkien ma persuna ohra u tellghuhom f'karozza fejn fiha kien hemm xi hames jew sitt minn nies ohra u qaghdu jistennew ftit u wara dahlu wkoll xi Torok. Qal li warajhom kien hemm xi karozza ssegwihom. Qal li huwa kien fuq quddiem u ghalhekk ma setghax jara x'kien qed jigri wara. Qal li l-ewwel ma nizlu kienu t-Torok ghaliex kienu fuq n-naha ta' wara vicin il-bieb u kif bdew johorgu t-Torok mill-karozza kienet ejja karozza ohra li kienet issegwihom. Qal li tal-karozza l-ohra bdew jimbuttaw lin-nies barra mill-vann u wara kien mar wiehed mill-Pulizija li kien isegwihom u beda jispara fl-ajru.

Qal li hu kien gie mitlub mill-imputata biex jaghtiha sitt mija u hamsin dollaru biex tirrangalu ghal viza u tiehdu Franza. Qal li hu tkellem kemm il-darba mal-imputata u din kienet qaltlu li ser imur Franza bl-ajru u kienet taghtu numru ta' telefon taghha pero kultant zmien kienet tmur tarah. Qal li n-numru kien 21272078. Qal li fil-post fejn kienu ma kienx hemm linja ta' telefon. Qal li hu proprjament ried li jmur lura l-Libja u mhux Franza. Ix-xhud qal li ma kienx l-Libjan li kien qallu biex jirrangalu ghal visa izda kienet l-imputata. Il-Libjan kien qallu li l-mara kienet ser tirrangalu biex tikrilu flat u tghinu biex igib l-visa. Qal li huma kienu tlett Marokkini, Mohsen El Ghaoui u hu. Qal li kien hemm hafna nies dehlin u hergin pero ma kienx jaf minn huma u ma kienx jaf kienx hemm Marokkini ohra mieghu.

Mistoqsi kienx hemm persuna bl-isem ta' Aziz ta' nazzjonalita Marokkina maghhom ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li El Ghaoui wasal l-ghada fit-tlettax ta' Settembru u meta kien fil-flat El Ghaoui kien mieghu l-hin kollu u kienu morda dak iz-zmien. Ix-xhud ma setghax jiftakar jekk El Ghaoui kienx hdejh meta ghadda l-flus ghaliex kollox sar malajr. Ma setghax jghid jekk El Ghaoui kienx qed jarah pero dan m'ghadda ebda flus. Ix-xhud zied jghid li lil El Ghaoui kien qallu bil-flus li kien ta u dan

kien qallu li anke hu kien ghadda xi flus lil din il-persuna u dan sar jafu l-habs.  Qal li vicin fejn kienu joqghodu kien hemm bar u l-aktar li kien imur kien f'dan l-bar.  Qal li l-bieb ma kienx jissakkar u ghalhekk kien jaqbad u johrog. Qal li lil imputata kien icemplilha minn bar vicin u li qatt ma kiel f'dan il-bar.  Qal li l-passaport tieghu kien rritorat lilu minn dik il-persuna li kienet qed takkumpanja lil imputat Peter Borg, liema persuna hu ma kienx jafha.  Qal li hu kien ghadda l-passaport tieghu lil Pulizija wara li kien gie moghti lilu mill-persuna imsemmija li kienet takkumpanja lil imputat Peter Borg.  Qal li din il-persuna li kienet ghaddietlu l-passaport ma kienetx presenti fl-awla.

Illi **nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 xehed Khalid Mokrini** [fol 106 tal-atti] fejn qal li hu kien gie Malta minn Magreb u kien in transit biex imur l-Libja.  Qal li kien wasal Malta fit-tnax ta' Settembru 2002 flimkien ma Said u Libjan iehor.  Qal li wara li waslu marru ghand l-imputata peress li l-Libjan li kien maghhom fl-ajruplan kien jafha u qalilha bihom u tahom in-numru tat-telefon taghha.  Zied jghid li huma cemplulha mill-Belt.  Qal li l-Libjan li kien qalilhom dwar l-imputata kien hajjarhom biex imorru l-Italja avolja huma kellhom xoghol taghhom fil-Libja.  Qal li cemplilha lil imputata habib tieghu u l-imputata kienet marret l-Belt u hadithom f'dan il-post.  Ix-xhud kompla jghid li ma kienx hu li tkellem mal-imputata, kien il-habib tieghu.  Qal li l-imputata kienet marret b'karozza bajda kbira mhux hazin u meta waslu f'dak l-post kienu biss hu u siehbu.  Qal li kienet marret fuqhom jum l-Erbgha u qaltilhom li kollox kien sew u li kellhom imorru l-Italja ghal habta tas-sebgha. Qal li flus lilha ma kien ta xejn.  Qal li kien hemm zewgt irgiel, wiehed minnhom b'misluta u  tahom sitt mitt dollaru. Ix-xhud indika lil imputat Peter Borg bhala l-persuna li lilha ta sitt mitt dollaru.  Qal li l-imputat Peter Borg kien mar ghandhom xi darbtejn u mieghu kien hemm persuna ohra. Mistoqsi jekk kienx cert li hu kien ta l-flus lil imputat Peter Borg, ix-xhud irrisponda fl-affermattiv.  Ix-xhud kompla jghid li l-imputata kienet tmur d-dar ghandhom u titkellem maghhom dwar il-vjagg li kienu ser jghamlu lejn l-Italja, pero qatt ma spjegat kif kien ser ikun dan l-vjagg.  Ix-xhud qal li hlief lil imputata Doris Montebello u lil imputat Peter Borg ma kien qed jaghraf lil hadd izjed.

Qal li dak l-lejl kien mar l-imputat Peter Borg biex jghabbihom f'karozza bajda zghira u kien qalilhom li kien ser jerga jmur aktar tard ghalihom u fil-fatt wara siegha w nofs kien mar b'karozza bajda akbar u hu dahal fiha flimkien ma tnejn minn nies ohra. Ix-xhud qal li f'din il-karozza ma kienx hemm siggijiet u li hu dahal fiha mill-bieba tal-gemb taghhali kienet tissladja. Meta gie muri zewg ritratti esibiti a fol 12, ix-xhud ikkonferma li hija l-istess vettura li kien rikeb fiha hu. Ix-xhud qal li proprjament huma kienu ser imorru l-Libja u li l-Libjan li kien iltaqa mieghu kien mieghu fuq l-ajruplan u kien hu li kien hajjarhom biex imorru l-Italja. Ix-xhud qal li ma kienx jaf jekk dan il-Libjan qattx qaghad ghand din il-mara u fil-fatt meta ghamlu dan is-suggeriment li jmorru l-Italja u thajjru li jmorru, huma talbuh l-partikolaritajiet taghha u hu rrangalhom maghha. <u>Qal li siehbu kien innegozja ma Doris Montebello biex imorru l-Italja u kienet hi stess li qaltilhom li kienet ser tehodhom l-Italja</u>. Qal li ghal vjagg kien hallas sitt mitt dollaru u meta wasal Malta ma kienux staqsewh kemm kellu flus fuqu. Qal li hu kien gie Malta biex imur l-Libja. Mistoqsi kif hareg mill-ajruport waqt li kien in transit, ix-xhud rrisponda li kienu l-awtoritajiet tal-ajruport li qalulhom biex johorgu 'l barra. Qal li hu ghandu coffee shop l-Marokk u peress li ma tantx kien hemm flus fih kien lest li jitilqu u jmur l-Italja u fil-fatt kien ta l-flus lil habib tieghu li effettivement kien ghaddihom lil imputat Peter Borg fil-presenza tieghu. Qal li siehbu ghandu mustacci. Qal li l-imputat Peter Borg li kien qed isuq l-vettura dakinhar.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed Abdel Azziz Mansar** [fol 118 tal-atti] fejn qal li hu ta' nazzjonalita Marokkina u kien gie Malta mill-Libja nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru ghal vaganza u kien joqghod ghand l-imputata. Qal li meta wasal Malta kien hemm xufier ta' taxi li hadom f'lukanda li ma kienx jaf x'jisimha u ghamel hemm xi ftit granet peress li kien jhallas erbghin dollaru kull lejl u ghalhekk haseb ghal akkomodazzjoni alternattiva. Qal li darba minnhom waqt li kien qed jiehu café fil-lukanda, kien mar xufier ta' taxi jgib xi nies fil-lukanda u staqsih jekk kienx jaf b'xi post iehor

fejn setgha imur joqghod u dan kien qallu li kien hemm mara li tikri bl-irhis. Qal li fil-fatt hu kien mar ghand l-imputata u bdiet ticcarcjah ghaxar liri fil-gimgha. Qal li apparti dawn il-flus l-imputata, li gharaf presenti fl-awla, ma hadiltu xejn aktar. Qal li sakemm dam ghandha qatt hadd m'avvicinah fuq xi haga ghalkemm ra xi haddiema jahdmu fil-post taghha. Qal li residenti ma rax dehlin u hergin ghandha u li l-flat huwa wiehed normali u tidhol ghalih minn triq pubblika u minnha kienu jghaddu karozzi tal-linja u ghelieqi madwar ma kienx hemm. Qal li kien hemm fil-vicin wkoll hanut li jbiegh l-haxix u showroom tal-karozzi. Qal li waqt li kien qed jghix fil-fond taghha, hu kien wahdu. Qal li l-flus kien jaghtihom lil imputata normali meta kienet tmur tigborhom hi stess.

Qal li ghal ewwel li kien mar joqghod ghand l-imputata, kien hemm xi mghallmin u kellu jitlaq minn dan l-post u kienet taghtu post iehor u waqt li kien fil-post l-gdid kienu marru zewg Marokkini ohra fih. Qal li sussegwentement l-imputata kienet hadithom t-tlieta li kienu f'post iehor, liema post kien vicin Bugibba fejn sabu tlett minn nies ohra u ghalhekk spiccaw sitta minn nies f'dan l-post, fejn ghamel fih tlett ijiem. <u>Ix-xhud zied jghid li l-imputata kienet qaltilhom sabiex ma jifthux l-bieb lil kull minn jigi</u>. Qal li lejl minnhom, jum l-Erbgha kienu fuq il-bejt u wiehed minnhom jismu El Hussien, kien marid ibati bil-kliewi, u kien fis-sodda u ghal habta ta' nofs il-lejl sema' l-bieb jhabbat u qamu tnejn minn nies li maghhom kienu jittawwalu ghal isfel u nizlu jigru. Qal li hu bezgha u ha qata. Qal li hu u l-ohrajn nizlu u semghu lehen ta' persuna tghidilhom " *ejja, ejja s-sitta w nofs*". Qal li hu peress li ma tantx jiflah, dahal f'kamartu. Qal li qaghad jara persuna faccata tat-tieqa u jipprova jindaga x'kien qed jigri u peress li kien hemm television mixghul setgha jara li kien hemm dik l-persuna ta' statura normali u b'beritta f'rasu, jircievi u jghodd xi flus. Qal li dakinhar l-imputata ma kienetx hemmhekk. Qal li l-bieb infetah billi fethulhom dawk t-tnejn minn nies li kienu fuq il-bejt u nizlu pero deher li kienu jafuhom. Qal li hu kien johrog mid-dar u wiehed mill-ohrajn wkoll kien johrog. Qal li Said, Hussien u Haled ma kienux johorgu.

Qal li l-imputata kienet qaltlu li dawk t-tlett minn nies kienu tressqu l-Qorti u tkeccew minn Malta. Qal li jista jkun li kien jum l-Erbgha, tnejn ta' Ottubru. Qal li n-nies li kien hemm f'dan il-post kien ilhom hemmhekk xi sbatax il-jum u li hu qaghad fih l-Hadd u xi jumejn jew tlieta wara u ghalhekk peress li hu kien johrog ma kienx jaf x'kien ikunu qaghdu jaghmlu l-ohrajn. Qal li mieghu f'dan il-flat kien hemm Jamen, Hassan, Khaled, Said, Husein u hu. Ix-xhud ma kienx jaf kif kienu waslu n-nies li kien hemm qablu fil-flat.

Illi **nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 xehdet l-Ispettur Denise Mula** [fol 129 tal-atti] fejn qalet li fil-lejl bejn t-tnejn u t-tlieta ta' Ottubru 202 giet infurmata li waqt li l-Ispettur Silvio Valletta u PC 807 kienu qed jghamlu night patrol kienu nnutaw vann u karozza fil-vicinanzi ta' Bahar ic-Caghaq u li meta avvicinaw dan il-vann fuq il-post kien hemm l-imputat Peter Borg maghruf bhala l-Hasi. Meta dan l-imputat gie mghajjat mill-Ispettur Silvio Valletta bil-laqam tieghu, dan dahhal idejh fil-qmis li kien liebes u ghalhekk l-Ispettur spara *warning shot* u Peter Borg harab minn fuq il-post. Ziedet qalet li sadanitant l-vettura l-ohra li kien hemm fuq il-post, li keinet karozza zghira ta' kulur bajda bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, kienet lahqet telqet minn fuq il-post. Qalet li ghalhekk l-Ispettur informa lil PS 576 Cefai tal-Mobile Squad biex jghamlu tfittxija ghal imputat Peter Borg. Ziedet tghid wkoll li f'dan il-vann instabu hamsa w ghoxrin persuna ta' nazzjonalita barranija li kienu hamest irgiel Tunezini, tlett irgiel Marokkini, u sbatax il-Tork li kienu maghmulin minn hamest irgiel, sebgha tfal u hames nisa. Qalet li t-Torok ittiehdu d-detention centre tal-ajruport, filwaqt li t-Tunezini u l-Marokkini gew mizmuma c-CID.

Fit-tlieta ta' Ottubru filghodu l-Ispettur Neville Xuereb kellem lil dawn l-persuni Torok filwaqt li hi tkellmet ma dawk Tunezini u Marokkini fil-presenza tal-Ispettur Nadia Lanzon li kienet qed tghamilha bhala nterpretu peress li ma kienux jafhmu l-lingwa Maltija. Qalet li huma rrilaxxjaw stqarrija fejn indikaw li kienu qeghdin fil-vann biex jaharbu minn Malta ghal Italja w indikaw wkoll lil l-imputati odjerni Peter Borg, Doris Montebello u Ferhat

Gellouma bhala l-persuni li kellhom jghinuhom biex jitilqu minn Malta.

Illi **nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed Noel Gauci** [fol 132 tal-atti] fejn qal li hu ghandu vann tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296 li kien kera ghal gurnata wahda, liema gurnata ma kienx jaf liema kienet, lil Peter Borg. Ix-xhud zied jghid li lil dan hu ma jafux u ma setghax jghid jekk kienx presenti fl-awla. Ix-xhud qal li fir-records li ghandu fil-garaxx tieghu ghandu d-data ta' meta krih lil imputat Peter Borg.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 reggha xehed Noel Gauci** [fol 239 tal-atti] fejn esibixxa l-kirja li hu ghamel rigwardanti l-vann Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296 lil Peter Borg. Hu esibixxa wkoll kopja tal-original tar-rental agreement li giet mmarkata bhala dokument RA kif wkoll fotokopja tal-licenzja tal-persuna li lilha kera l-vettura in kwistjoni [fol 241 et seq].

Illi **nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed Jose Abela, rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji** [fol 134 tal-atti] fejn qal li minn ricerka li hu ghamel ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Ufficju tal-Licenzji fuq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296, irrizultalu li din il-vettura hija registrata f'isem Mario Gauci ta' Burmarrad Commercials u ilha hekk registrata f'ismu mit-tmienja ta' April 2002.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 218 tal-atti] fejn qal li fil-lejl ta' bejn t-tnejn w t-tlieta ta' Ottubru 2002, kien gie nfurmat li membri tas-CID u tal-Mobile kienu ntercettaw vann transit fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq li fuqu kien hemm hamsa w ghoxrin persuna ta' nazzjonalita barranija u l-indikazzjonijiet kienu li dawn il-persuni kienu ser jhallu Malta illegalment b'mezzi tal-bahar u peress li dakinhar hu kien imsiefer, l-Ispetturi Denise Mula u Nadia Lanzon u Neville Xuereb kienu kellmuhom huma nhar t-tlieta ta' Ottubru 2002. Qal li hu kien gie mgharraf li dawn il-persuni li nstabu kienu semmew xi persuni minn dawk ic-cittadini barranin li kienu

assistew w ikkoperaw mal-persuni ta' nazzjonalita barranija fit-tenttativ taghhom li jhallu Malta illegalment.

Dakinhar ta' bejn t-tnejn u t-tlieta ta' Ottubru 2002, fuq il-post kien gie arrestat l-imputat Peter Borg li kien qed isuq vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296 u fl-erbgha ta' Ottubru ghal habta tat-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar hu u l-Ispettur Denise Mula kienu tkellmu ma Peter Borg li gharaf presenti fl-awla, fejn wara li dan inghata s-solita twissija, rrilaxxja stqarrija fejn prattikament ma kien wiegeb ghal ebda domanda li saritlu u ghazel wkoll li ma jiffirmax tali stqarrija. Sussegwentement kienu taw x-xhieda taghhom t-Tunezini u l-Marokkini, filwaqt li mill-persuni ta' nazzjonalita Torka ma kienetx rrizultat ebda informazzjoni rigward l-kaz. Qal li sussegwentement t-Tunezini u l-Marokkini kienu tressqu l-Qorti u xehdu quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Cassar mill-liema xhieda rrizulta li d-deskrizzjoni li dawn taw fejn kienu semmew lil imputati Peter Borg u Ferhat Gellouma b'dettalji fizici, dawn l-istess dettalji qablu ma dawn iz-zewg imputati li gharaf presenti fl-awla u li dawn kienu iltaqghu maghhom fil-lukanda Taormina.

Qal wkoll li whud minn dawn kienu semmew lil imputata Doris Montebello, li wkoll gharaf presenti fl-awla. Qal li sussegwentement fid-disgha ta' Ottubru kien gie arrestat mill-gdid Peter Borg u ttiehditlu stqarrija wara li rega' nghata s-solita twissija fil-presenza ta' PS 1479 Andrew Kelly, u dan ghal darb'ohra rega' ghazel li ma jiffirmax. Huwa esibixxa z-zewg stqarrijiet li gew mmarkati bhala dokumenti SZ 1 u SZ 2 [fol 222 u 224]. Qal li kien gie wkoll arrestat l-imputat Ferhat Geullouma li rrilaxxja wkoll stqarrija fil-presenza ta' PS 1479 Andrew Kelly, li fiha cahad kull involviment tieghu. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Ferhat Guellouma li giet mmarkata bhala dokument SZ 3 [fol 226].

Giet wkoll arrestata l-imputata Doris Montebello li rrilaxxjat stqarrija fil-presenza tal-Ispettur Denise Mula fejn din ikkonfermat li t-tlett Marokkini kienu ghamlu xi zmien residenti ghandha pero fl-istess hin cahdet l-involviment

taghha f'dan il-kaz. Din l-imputata wkoll ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija taghha liema stqarrija giet esibita bhala dokument SZ 4 [fol 228]. Qal li minn tfittxija li saret fil-vettura in kwistjoni nstabu xi visiting card tat-Taormina Hotel fuq d-dash board taghha, li gew esibiti w immarkati bhala dokument SZ 5 [fol 230]. Qal li minn aktar investigazzjoni rrizulta li din il-vettura kienet registrata f'isem Noel Gauci ta' Burrmarrad Commercials li meta gie mitkellem mill-Pulizija huwa qal li kien kera l-istess vann lil Peter Borg nhar t-tnejn ta' Ottubru 2002.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehdet l-Ispettur Nadia Lanzon** [fol 231tal-atti] fejn qalet li hi kienet ghamlitha ta' nterpretu mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija fit-tlieta ta' Ottubru 2002 fl-ufficju tal-Ispettur Denise Mula. Qalet li l-investigazzjoni kienet tikkoncerna grupp ta' nies ta' nazzjonalita barranija, Tunezina u nazzjonalitajiet ohra li kienu nqabdu mill-Pulizija b'xi vettura n-naha ta' Bahar ic-Caghaq li allegatament kienu qed jippruvaw jaharbu minn Malta illegalment. Qalet li fl-investigazzjoni kienu msemmija xi persuni ta' nazzjonalita Maltija b'referenza parltikolari ghal persuna fartasa w imbacca ftit. Qalet li dawn l-istqarrijiet ittiehdu bil-lingwa Gharbija fis-sens li l-Ispettur Denise Mula bdiet taghmel d-domandi bil-Malti, hi tittraduci ghal Gharbi u lura ghal Malti. Qalet li hi ghandha degree ta' Master fil-lingwa Gharbija.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Silvio Valletta** [fol 232 tal-atti] fejn qal li bejn t-tnejn u t-tlieta ta' Ottubru 2002, waqt li kien night watch ma PC 807 Felix Vella u kienu Bahar ic-Caghaq, fejn il-Coastline, innutaw vann abjad tal-marka Transit u karozza kanella warajha u daru ghal isfel fejn hemm bicca bajja. Qal li ghalhekk huma qaghdu barra l-bajja biex jaraw x'kien ser jigri u f'daqqa wahda ntefa' d-dawl tal-vetturi u dahlu warajhom u xeghlulhom d-dawl fuqhom fejn hemmhekk innutaw lil Peter Borg, l-imputat odjern hiereg minn dan il-vann abjad u staqsih biex jieqaf wara li identifika ruhu bhala Ufficjal tal-Pulizija, pero dan nonostante l-imputat Peter Borg harab minn fuq il-post. Qal li anke l-vettura kannella li kien hemm harbet minn fuq il-post u peress li x-xufier taghha ma nizilx minnha ma kienx f'posizzjoni

jgharfu. Ghalhekk saret tfittxija ghal imputat Peter Borg maghruf bhala l-Hasi fl-akwati u saret tfittxija fil-vann li halla warajh fejn fih kien hemm xi tletin ruh ta' nazzjonalita barranija. Qal li sakemm saret t-tfittxija fil-vann waslu l-Pulizija tal-Mobile li maghhom kellhom lil imputat Peter Borg. Saret tfittxija fuq il-persuna tieghu w instabet cavetta li meta giet mqabbla mal-vann misjub fuq il-post, irrizulta li kienet taqbel u fil-fatt l-vann gie startjat biha u ghalhekk gie mitlub jaghtu spjegazzjoni dwar tali cavetta. Peter Borg ghal din d-domanda rrisponda li waqt li kien miexi sab dik ic-cavetta u ghalhekk minnufih gie arrestat u l-vann gie mehud l-kwartieri taghhom.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed PC 807 Felix Vella** [fol 235 tal-atti] fejn qal li fil-lejl ta' bejn t-tnejn u t-tlieta ta' Ottubru 2002, waqt li kien night watch, x-xufier mal-Ispettur Silvio Valletta, nezlin fil-Coast Road ta' Bahar ic-Caghaq, nnutaw vann transit abjad u karozza warajh ta' kulur kannella dehlin fil-bajja u ghalhekk imxew warajhom, tfew id-dawl u appena waslu hdejn il-vann, raw li l-vann kien mghobbi b'immigranti illegali. Qal li appena waslu vicin il-vann, minn gol-vann hareg ix-xufier Peter Borg, li gharaf presenti fl-awla, u harab jigri minn fuq il-post. Qal li hu qaghad jiehu hsieb il-klandestini biex ma jaharbux, u cemplu lil tal-Mobile sabiex jmorru jfittxu lil imputat Peter Borg fl-akwati. Qal li wara ftit waslu tal-Mobile li maghhom kellhom lil imputat Peter Borg u waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu nstabet cavetta ta' karozza li kienet taqbel mal-vann misjub fuq il-post li minnu kien harab l-istess imputat Peter Borg. Qal li hu saq lil imsemmija klandestini bl-istess cavetta li nstabet fuq il-persuna tal-imputat Peter Borg lura lejn l-kwartieri tal-Pulizija.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed PS 1479 Andrew Kelly** [fol 237 tal-atti] fejn ikkonferma li fuq l-istqarrija dokument SZ 1 rilaxxjata nhar d-disgha ta' Ottubru 2002 minn Peter Borg, li gharaf presenti fl-awla, hemm il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Sandro Zarb. Qal li din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat Peter Borg wara li dan nghata s-solita twissija, liema stqarrija l-imputat ghazel li ma jiffirmax. Ix-xhud ikkonferma wkoll li fuq l-

istqarrija dokument SZ 3 rilaxxjata nhar d-disgha ta' Ottubru 2002 minn Ferhat Guellouma, li gharaf presenti fl-awla, hemm il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Sandro Zarb, liema stqarrija l-imputat Ferhat Guellouma wkoll ghazel li ma jiffirmax. Qal li din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat Ferhat Geullouma wara li dan nghata s-solita twissija.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 243 tal-atti] fejn, wara li gie muri sentenza esibita fl-atti bhala dokument AZ [fol 137] moghtija fil-konfront ta' Peter Borg et nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2000, hu gharaf lil imputat Peter Borg presenti fl-awla bhala l-istess imputat imsemmi f'dik is-sentenza peress li kien Ufficjal Prosekutur dakinhar.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 reghhet xehdet l-Ispettur Denise Mula** [fol 253 tal-atti fejn gharfet wkoll lil imputati Peter Borg u Doris Montebello presenti fl-awla bhala l-istess zewg persuni li rrilaxxjaw l-istqarrijiet esibiti bhala dokumenti SZ 2 u SZ 4 [fol 222 u 228] wara li gew moghtija s-solita twissija u fuq dawn iz-zewg stqarrijiet hija gharfet il-firma taghha u dik tal-Ispettur Sandro Zarb filwaqt li kkonfermat li dawn iz-zewg imputati ghazlu t-tnejn li ma jiffirmawx l-istqarrijiet taghhom.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Joseph Zammit espert nominat mill-Qorti** [fol 263 tal-atti] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JZ.  Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-valur tal-vettura in kwistjoni huwa ta' sebat elef u mitejn lira maltin.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehed il-Prokuratur Legali Noel Spiteri** [fol 281 tal-atti] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Maltacom. Qal li minn ricerka li gie mitlub jaghmel fuq in-numru tat-telefon 21410748 rrizultalu li dan jghajjat lil Anthony Montebello ta' 147, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u fil-fatt, ghalkemm s-sett huwa stallat f'dak l-indirizz, l-kontijiet jintbaghtu fl-indirizz 147/2, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Illi **nhar t-tletin ta' April 2003 xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 293 tal-atti] fejn esibixxa tlett sentenzi, wahda minnhom moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Victor Caruana Colombo fil-konfront ta' Maria Dolores sive Doris Montebello li giet mmarkata bhala dokument SZ [fol 295], sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dennis Montebello moghtija fil-konfront tal-istess Doris Montebello li giet mmarkata bhala dokument SZ 1 [fol 310], u sentenza ohra moghtija fil-konfront ta' Peter Borg li giet mmarkata bhala dokument SZ 2 [fol 303].

Illi **nhar t-tletin ta' April 2003 xehed PC 576 John Mary Cefai** [fol 306 tal-atti] fejn qal li bejn t-tnejn u t-tlieta ta' Ottubru 2002 waqt li kien xoghol l-Mobile Squad, ghal habta tas-siegha ta' filghodu kien gie mqabbad mill-Ispettur Silvio Valletta biex imur jaghti l-ghajnuna tieghu fl-akwati ta' Bahar ic-Caghaq fid-dahla tal-Maghtab. Qal li ghalhekk hu kien mar fuq il-post u fit-triq hu gie moghti deskrizzjoni ta' persuna li kienet harbet minn fuq il-post u appena waslu qrib id-dahla tal-Maghtab nnutaw persuna bl-istess deskrizzjoni moghtija lilu li rrizulta li kien l-imputat Peter Borg li gharaf presenti fl-awla. Qal li ghalhekk waqqfuh u arrestawh u akkumpanjawh ghand il-Pulizija. Ix-xhud qal li Peter Borg kien qalilhom li kien ghaddej minn hemmhekk.

Illi **nhar t-tletin ta' April 2003 xehed PC 144 Sergio Persiano** [fol 308 tal-atti] fejn qal li bejn t-tnejn w it-tlieta ta' Ottubru 2002 ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu gew infurmati li l-Ispettur Silvio Valletta kellu bzonn l-assistenza tal-iskwadra tal-Mobile peress li kienet harbet

persuna u ghalhekk marru fuq il-post indikat lilhom u cioe fid-dahla tal-Maghtab f'Bahar ic-Caghaq. Huma kienu nghataw deskrizzjoni ta' din il-persuna mahruba u kif kienu dehlin f'din d-dahla waqqfu lil Peter Borg li wara haduh ghand l-Pulizija. fuq il-post kien hemm vann mimli bin-nies fejn kien hemm wkoll l-Ispettur Silvio Valletta.

Illi **nhar t-tletin ta' April 2003 xehed Sergio Spiteri** [fol 310 tal-atti] fejn qal li hu jahdem r-Registru Elettorali. Qal li minn ricerka li gie mitlub jaghmel fuq Ferhat Guellouma irrizulta li dan ghandu karta tal-identita numru 23712A u joqghod 54, Triq Mannarino, B'Kara. Huwa esibixxa fotokopja tal-karta tal-identita tieghu li ghandhom fid-Dipartiment taghhom, li giet mmarkata bhala dokument ST.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputati gew akkuzati bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dak li jissejjah Traffiku fil-Persuni, sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi. Illi din d-disposizzjoni tal-ligi ghandha applikazzjoni wiesgha hafna ghaliex r-reat jigi kkunsmat jekk dak li jkun, ikun ghen, assista, ta parir jew hajjar biex persuna ohra tidhol jew taghmel semplici tentattiv biex tidhol jew tohrog sew f'Malta sew barra minn Malta, jikkongura f'dak s-sens ma xi persuna ohra.

Issa f'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-imputat Ferhat Guellouma kien qed ihajjar lil diversi nies ta' nazzjonalita barranija sabiex jitilqu minn Malta b'mod klandestin sabiex imorru lejn l-Italja permezz ta' dghajsa.

Illi kif jirrizulta mis-suespost u mix-xhieda li nghatat minn diversi persuni, dawn ilkoll gharfu lil imputat Ferhat Guellouma bhala l-persuna li kienet l-intermedjarja sabiex il-vjagg taghhom ikun possibbli. Huma kollha qalu li taw diversi flejjes lil imputat Ferhat Guellouma f'somom differenti, u f'cirkostanzi wkoll differenti. L-imputat Ferhat Guellouma ma xehedtx u ma ressaq ebda prova biex jittanta jikkontradici x-xhieda taghhom.

Dwar il-ko-akkuzat Peter Borg, dan wkoll kellu sehem f'dan r-reat billi iffacilita l-organizzazzjoni li kien qed imexxi Ferhat Guellouma billi kera vann minghand Burmarrad Commercials sabiex jigbor u jgorr lil barranin minn fejn kienu qed jistennew sal-post fejn il-bahar minn fejn kellhom jigu migbura ghal vjagg taghhom.  Gara li appena waslu fuq il-post ta' destinazzjoni, kien hemm il-Pulizija li rawh jahrab mill-vann u li nstab aktar tard mill-istess Pulizija tal-Mobile bic-cavetta tal-vann [fejn kienu l-persuni ta' nazzjonalita barranijna] fuq l-persuna tieghu.

Illi l-imputat Peter Borg jichad l-partecipazzjoni tieghu f'dan r-reat fl-istqarrija li huwa rrilaxxja ghalkemm meta gie mistoqsi x'kienet qed taghmel fuqu c-cavetta tal-vann li fiha nstabu nies ta' nazzjonalita barranija, huwa ta risposta fjakka fis-sens li qal li sabha mal-art.

Illi huwa wkoll ma xehdtx biex jikkontradici jew jikkontradetta dak li qalu diversi xhieda dwaru u cioe li kien hu li kien iwassalhom ghal enventwali vjagg taghhom jew sabiex jiccara dak li qal fl-istqarrija tieghu.

Illi l-Avukat Difensur tal-imputat Peter Borg, fit-trattazzjoni tieghu, ma kkontestax l-fatti per se kif migjuba mill-Proisekuzzjoni, izda qal li element importanti tar-reat li jrid jigi ppurvat mill-Prosekuzzjoni, hu li "l-assistenza issir bi hsieb ta' qligh."
Il-Qorti ma taqbilx mat-tesi tad-Difiza kif diga espremiet ruhha fis-sentenza moghtija minnha nhar ***l-ewwel ta' Gunju 2005*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ahmed Moussa Yassine et** u cioe li ma hemmx bzonn li jkun hemm qligh monetarju ghall-esiztenza ta'dan r-reat, ghalkemm f'dan il-kaz jirrizulta wkoll li kien hemm xhieda li qalu li taw xi flejjes lill-imputat Peter Borg.

Dwar t-tielet ko-akkuzata u cioe l-imputata Maria Dolores sive Doris Montebello, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-difiza taghha, kif imfissra fin-nota ta' sottomissjoni taghha tat-tletin ta' Gunju 2005.  Illi d-Difiza sostniet li l-Prosekuzzjoni ressqet biss xhud wiehed Said Said Mayou li jghid li l-imputata Doris Montebello hajritu biex iggiblu l-

viza lejn Franza u li kienet qed tirranga kollox hi u li ghaddielha xi flus ghal dak l-inkarigu.

Illi din x-xhieda ma hiex kontradetta mill-imputata fl-ebda stadju u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mad-Difiza meta tghid li din x-xhieda ghandha tigi skartata. Din ix-xhieda effettivament hija korroboratata b'xhieda ohra ghaliex l-istess Said Mayou instab fil-vettura flimkien mal-klandestini l-ohra li kienu ser jitilqu minn Malta klandestinament w oltre dan ma ngabet ebda prova konvincenti l-ghala m'ghandhiex temmen lil dan ix-xhud.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza li tghid li dan r-reat ma jissustix jekk ma jkunx hemm qligh monetarju ghaliex f'dan il-kaz jirrizulta wkoll li kien hemm qligh monetarju maghmul minn Doris Montebello.

Illi dwar r-reat ta' assoccjazzjon kif kontemplat fl-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kif moghti mill-Avukat Generali fl-artikoli tieghu fil-konfront tal-imputati kollha, dan jirrizulta wkoll ghaliex ma hemmx dubju li kien hemm assoccjazzjoni bejn t-tlett imputati sabiex isir r-reat kif kontemplat fl-artikolu 377A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq spjegat.

L-imputat Peter Borg gie akkuzat li huwa recidiv u dan il-fatt jirrizulta wkoll ghaliex giet esibita sentenza moghtija fil-konfront tieghu markata bhala dokument SZ 2 [fol 303], fejn gie misjub hati fost affarijiet ohra li fixkel lil Pulizija fid-dmirijiet taghha u gie kkundannat ihallas multa u din s-sentenza giet konfermata mill-Ispettur Dennis Theuma fix-xhieda tieghu li ta l-Qorti viva voce fil-presenza tal-istess imputat, pero fil-konfront tal-ko-akkuzata Maria Dolores sive Doris Montebello l-akkuza ta' recidiva ma gietx ppruvata.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-proviso tal-istess artikolu 377A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-piena tizdied bi grad wiehed sa tlieta f'kaz ta' persuna mghejuna, assistita jew tat parir ikun ta' aktar minn tlieta. F'dan il-kaz jirrizulta bic-car li

kien hemm hafna aktar minn tlett persuni ghaliex effettivament kien hemm hamsa w ghoxrin persuna, fosthom nisa u tfal.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputati esibiti fl-atti a fol 4 et seq u jirrizulta li l-imputat Ferhat Guellouma ghandu fedina penali netta, filwaqt li l-imputat Peter Borg ghandu fiha registrat tlett reati maghmula fis-sena 2000 ghalkemm din ma hiex fedina penali aggornata.

Fir-rigward l-imputata Maria Dolores sive Doris Montebello, din diga nstabet hatja ta' diversi reati fosthom talli pprovdiet akkomodazzjoni lil persuni ta' nazzjonalita barranija bla l-cenzja u ta' tisrif ta' flus.

Rat wkoll li l-imputati ma kkoperaw xejn mal-Prosekuzzjoni u baqghu jsostnu l-innocenza taghhom sal-ahhar anke in vista tax-xhieda mismugha.

Rat wkoll li n-numru ta' nies barranin li kienu ser jigu trasportati llegalment kienu wiehed kbira hafna.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-***sentenza moghtija minnha nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Ferhat Guellouma** kif ***konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2005*** dwar l-applikazzjoni ta' piena, meta qalet:

*"… li ghandha tkun severa fl-applikazzjoni tal-piena taghha, ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali tajba u trid tibghat messagg lis-socjeta li tali traffikar ta' bnedmin mhux ser jigi tollerat mill-Qrati taghna."*

Din il-Qorti thoss li ghalkemm r-reat addebitati lil imputati m'ilhomx wisq li dahlu fis-sistema legali taghna [Att III tas-sena 2002], xorta ghandha tkun severa fl-applikazzjoni tal-piena hemm provduta, u dan in vista tal-problema attwali li qed tiffaccja l-Gzira taghna u anke r-realta li kienet qed tippreokkupa lil legislatur meta ntroduca tali legislazzjoni. Ghalhekk, hija din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-pieni approprijati, li trid twassal l-messagg deterrent.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 48A, 337A, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lit-tlett imputati hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom b'dan li r-reat taht l-artikolu 48A ghandu jitqies assorbit fir-reat kkunsmat, cioe dak taht l-artikolu 337A tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil imputat PETER BORG, peress li hu recidiv, ghal perjodu ta' prigunerija ta' erbgha [4] snin, lil imputat FERHAT GUELLOUMA ghal piena karcerarja ta' hames snin peress li jirrizulta bic-car li hu kien il-mohh principali wara dan d-delitt u lil imputata DORIS MONTEBELLO ghal piena karcerarja ta' tlett snin ghaliex il-partecipazzjoni taghha kienet inqas minn dak tal-ko-akkuzati l-ohra.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkonfiska l-vettura involuta f'dan id-delitt, u cioe dik tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni DAD 296, din il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska taghha peress li jirrizulta bic-car li fuqha hemm drittijiet ta' terzi stante li din tappartjeni lil terzi persuni li ma humiex parti minn din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------